MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 1157/2011

**GlobalCapital Health Insurance Agency Limited f'isimha proprju u bhala agenti ghan-nom tas-socjeta estera BUPA Insurance Limited registrata fir-Renju Unit bin-numru 3956433 ta' Bupa House, 15-19 Bloomsbury Way, London WC1A 2BA, United Kingdom**

**vs**

**Polidano Group Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' attrici tat-22 ta' Novembru 2011 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta rikorrenti GlobalCapital Health Insurance Agency Limited bhala agenti u ghan-nom tas-socjeta estera BUPA Insurance Limited harget 'group health insurance policy' intestata 'Polidano Directors Group' bin-

numru G003410 lis-socjeta intimata fuq ordnijiet taghha stess ghall-perjodu li beda mill-0l ta' Novembru 2009 sal-31 ta' Ottubru 2010;

2. Illi mill-'premium' ta' erbghin elf, mitejn u hdax-il euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€40,211.28) dovut mis-socjeta intimata ghall-imsemmija polza, s-socjeta intimata hallset biss is-somma ta' tmint elef, sitt mija, tmienja u tmenin euro u wiehed u disghin centezmu (€8,688.91) u ghalhekk ghad baqalha thallas bilanc ta' wiehed u tletin elf, hames mija, tnejn u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€31,522.37) skond il-prospett datat 26 ta' April 2011 li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkat bhala Dok. 'A';

3. Illi ghalkemm interpellata thallas diversi drabi, inkluz permezz ta' ittra legali datata 30 ta' Marzu 2011 (kopja annessa u mmarkata bhala Dok. 'B') kif ukoll permezz ta' ittra ufficjali bin-numru 1451/2011 datata 02 ta' Mejju 2011 (kopja annessa u mmarkata bhala Dok. 'C') is-socjeta intimata baqghet inadempjenti;

4. Illi d-dejn tas-socjeta intimata fil-konfront tas-socjeta rikorrenti proprio et nomine huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta rikorrenti proprio et nomine s-socjeta intimata ma ghandha l-ebda eccezzjoni valIda x'taghti kontra din l-azzjoni;

5. Illi r-rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti Adriana Zarb Adami taf personalment b'dawn il-fatti u ghall-finijiet tal-artikolu mija u sebgha u sittin (167) "et sequitur" tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) qieghed jigi hawn anness affidavit tal-istess Adriana Zarb Adami u mmarkat bhala Dok. 'D'.

Tghid ghalhekk is-socjeta intimata, ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, tiddeciedi
billi:

1. Tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-artikoli 167-170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili:

2. Tiddikjara illi s-socjeta intimata hija d-debitrici tas-socjeta rikorrenti proprio et nomine fis-somma ta’ wiehed u tletin elf, hames mija, tnejn u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€31,522.37) rapprezentanti bilanc ta' premium dovut mis-socjeta intimata fir-rigward tal-'group health insurance policy' intestata 'Polidano Directors Group' bin-numru G003410 ghall-perjodu mill-0l ta' Novembru 2009 sal-31 ta' Ottubru 2010;

3. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta rikorrenti proprio et nomine s-somma ta' wiehed u tletin elf, hames mija, tnejn u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€31,522.37) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-hrug tal-polza sad-data tal- pagament effettiv;

4. Tordna I-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 1451/2011 kontra s- socjeta intimata li tibqa' minn issa ingunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tas-socjeta’ rikorrenti;

Rat li s-socjeta konvenuta debitament notifikata baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta’ Adriana Zarb Adami, rapprezentanta tas-socjeta attrici fejn bil- ikkonfermat bil-gurament taghha illi s-socjeta debitrici cioe Polidano Group Limited ma hallset xejn mill-ammont dovut kif mitlub fir-rikors promotur;

Billi mill-atti senjatament Dok. A sa D fil-process jirizulta lill-Qorti illi t-talba hi gustifikata.

Il-Qorti qed tiddisponi mill-kawza billi tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici l-ammont ta’ wiehed u tletin elf, hames mija, tnejn u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€31,522.37), bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------